



Brussell, 27 ta' Marzu 2020
(OR. en)

7043/20

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0121(COD)

CODEC 220
TRANS 138
SOC 178
EMPL 144
MI 90
COMPET 129

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (I-ewwel qari) - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fil-31 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 91(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Jannar 2018².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fl-1 ta' Frar 2018³.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-4 ta' April 2019⁴.

¹ 9671/17.

² ĠU C 197, 8.6.2018, p. 45.

³ ĠU C 176, 23.5.2018, p. 57.

⁴ 7729/19.

5. Fl-20 ta' Frar 2020, il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari rigward l-abbozz tad-Direttiva imsemmija hawn fuq⁵.
6. Fl-20 ta' Marzu 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari⁶ huwa disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tinsab fl-addendum għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.
7. Fin-nuqqas ta' laqgħat tal-Kunsill u fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub:
- għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar l-abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq kif tinsab fid-dokument 5112/20 u d-Dikjarazzjoni tar-raġunijiet kif tinsab fid-dokument 5112/20 ADD 1.

⁵ F'konformità mal-ittra tat-23 ta' Jannar 2020 li ntbagħtet mill-President tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament Ewropew lill-President tal-COREPER, waqt it-tieni qari, il-Parlament Ewropew għandu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi.

⁶ 5112/20 + ADD 1.